# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA – SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Ħamsa u għoxrin (25) ta' April 2023**

**Rikors Numru 648/2022/1 FDP**

Fl-ismijiet

**Paul Demicoli**
**(ID: 546374M)**

**VS**

**Avukat Ġenerali**
**Kummissarju tal-Pulizija**
**Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors ta' l-Avukat Ġenerali, Kummissarju tal-Puluzija u l-Avukat tal-Istat datat 22 ta' Frar 2023, li permezz tiegħu talbu illi dina l-Qorti tirrikonsidra d-deċiżjoni tagħha tal-15 ta' Frar 2023, fejn hija ċaħdet it-talba ta' l-istess rikorrenti biex jingħataw permess speċjali biex jappellaw minn deċiżjoni "interim" ta' dina l-Qorti mogħtija fis-6 ta' Frar 2023 li biha ordnat illi Paul Demicoli jingħata l-ħelsien mill-arrest sakemm tiġi deċiża l-ilment Kostituzzjonali illi huwa għamel dwar il-proċeduri illi wassluh sabiex jintbagħat il-ħabs.

2. Rat illi fit-23 ta' Frar 2023, il-Qorti ordnat in-notifika ta' tali rikors b'ġimgħa żmien għar-risposta.

3. Rat illi r-rikors qatt ma ġie notifikat lil Paul Demicoli, peress illi sar tentattiv biex jiġi notifikat ġewwa ċ-Ċentru Korrettiv ta' Kordin meta dana kien ġie skarċerat minn dina l-Qorti permezz ta' digriet mogħti dakinhar stess tad-digriet li r-rikorrenti qed jitolbu li jappellaw minnu.

4. Rat illi, madanakollu, fil-15 ta’ Marzu 2023, l-intimat Paul Demicoli irrisponda billi oġġezzjona għat-talba tar-rikorrenti sabiex jingħataw id-dritt illi jappellaw mid-digriet oriġinali ta’ dina l-Qorti.

5. Rat illi fl-20 ta’ Marzu 2023, r-rikorrenti, mingħajr id-debita awtorizzazzjoni, ippreżenta nota ulterjuri fejn ressaq risposta għad-difiża mqajjma mill-intimati.

6. Rat illi fl-4 ta’ April 2023, il-Qorti appuntat ir-rikors għat-trattazzjoni finali għas-17 ta’ April 2023.

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet illi saret fis-17 ta’ April 2023, wara liema trattazzjoni, il-kawża ġiet differita għall-digriet għal-lum.

## Ikkunsidrat

8. Jirriżulta illi fis-6 ta’ Frar 2023, dina l-Qorti, wara talba ta’ Paul Demicoli li jingħata l-ħelsien mill-arrest bħala ‘*interim measure’*, fl-atti tal-Kawża Kostituzzjonali minnu mnieda għar-rimedju effettiv riżultat tad-dewmien għad-deċiżjoni finali li wasslet sabiex jintbagħat il-ħabs għal sentejn, tmintax-il sena wara illi seħħ l-inċident illi tiegħu eventwalment intbagħat il-ħabs, dina il-Qorti kkonċedietlu l-ħelsien mill-arrest kif soġġett għal varji kundizzjonijiet.

9. Jirriżulta illi fis-7 ta’ Frar 2023, ir-rikorrenti odjerni talbu li dina l-Qorti tissospendi l-effetti tad-digriet tas-6 ta’ Frar 2023 u tagħtihom d-dritt illi jappellaw minnu.

10. Jirriżulta illi fil-15 ta’ Frar 2023, dina l-Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrenti odjerna, fejn saħqet, fost affarijiet oħra, illi ma kinetx ser taċċetta ebda dewmien u dilungar aktar, u għalhekk ikkonfermat illi Paul Demicoli kellu jiġi rilaxxjat, wara illi jonora l-obbligi fuqu mposti, fosthom depositu ta’ €5,000 bħala garanzija, kif ukoll li jagħmel garanzija personali ta’ €50,000.

11. Jirriżulta illi fit-22 ta’ Frar 2023, ir-rikorrenti odjerni għamlu r-rikors meritu ta’ dana id-digriet, fejn talbu illi dina l-Qorti tirrevoka d-digriet tagħha tal-15 ta’ Frar 2023 u jingħataw dritt li jappellaw mid-digriet oriġinali tas-6 ta’ Frar 2023.

12. Jirriżulta illi r-rikorrenti qegħdin jallegaw illi dina l-Qorti qiegħda ċċaħdilhom id-dritt ta’ l-ugwaljanza tal-armi, peress illi huma ma jistgħux jiftħu proċeduri Kostituzzjonali ad hoc fejn jallegaw il-ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom.

13. Jirriżulta illi l-intimat Paul Demicoli, da parte tiegħu, jikkontendi illi preġudizzju illi ser isofri hu f’każ li jintbagħat lura l-ħabs pendenti l-kawża Kostituzzjonali tiżboq bil-ferm kwalsiasi tip ta’ preġudizzju illi jikkontendu illi setgħu sofrew b’xi mod l-intimati.

14. Il-Qorti tirrileva illi dina hija Qorti tal-Ġustizzja, u għalhekk trid tassikura u tara illi ssir il-Ġustizzja kif mistħoqq. Madanakollu, bl-ebda mod ma trid tiġi akkużata illi b’xi mod qiegħda xxekkel lil kwalsiasi parti milli jeżerċita d-drittijiet fundamentali tiegħu, bħalma jidher illi għoġobhom jakkużaw lil dina l-Qorti, r-rikorrenti.

15. Filwaqt illi, għal darba oħra, tirrepeti illi dawn it-tip ta’ kawżi jridu jiġu deċiżi bl-aktar mod spedit u effettiv, tqis ukoll illi jekk ir-rikorrenti jridu jappellaw mid-digriet tas-6 ta’ Frar 2023, peress illi huma jinsistu illi d-drittijiet fundamentali tagħhom qed jiġu leżi, għalhekk il-Qorti tqis illi għandha tikkonċedi d-dritt lir-rikorrent sabiex jappella mid-digriet tas-6 ta’ Frar 2023, mingħajr ma din b’xi mod ixxekkel it-tmexxija tal-kawża odjerna.

16. Madanakollu, il-Qorti tagħmilha ċara illi ma hijiex ser tissospendi l-effetti tad-digriet tas-6 ta' Frar 2023, u għalhekk Paul Demicoli għandu jibqa' jgawdi mill-ħelsien mill-arrest.

17. Il-Qorti qiegħda, għalhekk, tirrevoka d-digriet tal-15 ta' Frar 2023, sa fejn din tirrifletti dak hawn taħt deċiż.

18. Għaldaqstant, b'referenza għar-rikors oriġinali tar-rikorrenti tas-7 ta' Frar 2023, kif degretat fil-15 ta' Frar 2023, dina l-Qorti, filwaqt illi qiegħda **tiċħad** l-ewwel u t-tielet talba tar-rikorrenti fejn talbu s-sospensjoni tal-effetti tad-digriet tas-6 ta' Frar 2023, qiegħda **tilqa'** t-tieni talba hemm magħmula, ossija qiegħda "*tagħtihom permess sabiex jappellaw mid-digriet tas-6 ta' Frar 2023 fejn il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent sabiex jingħata miżura provviżorja*".

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**